MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2003

Appell Kriminali Numru. 8/2003

Il-Pulizija

(Spettur M. Buttigieg)
Vs

Pio Joseph Camilleri

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-kwalita' tieghu ta' Direttur ta' Mirage Holdings Ltd, Flamingo Complex, Cannon Road, Qormi, fis-6 ta' Novembru, 2000 u qabel din id-data hu naqas li jhallas lill-ex impjegat tieghu Michael Axisa ghal sahra mahduma nhar ta' Sibt ghal 47 Sibt, bi 3.5 sieghat xoghol kull nhar ta' Sibt, liema sahra kellha tithallas bl-ammont globali ta' LM 394.80c.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Jannar, 2003, li biha

wara li rat l-artikoli 10, 23 u 41 tal-Kap. 135, ordnata lill-akkuzat ihallas lil Michael Axisa s-somma ta’ LM394.00 u kkundannatu ghal multa ta’ ghoxrin liri Maltin (LM20).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-17 ta’ Jannar, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza fuq imsemmija w konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni w piena skond il-ligi.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor jikkonsisti fis-segwenti w cioe’ li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament ghal kollox zbaljat tax-xhieda prodotti w tal-fatti l-ohra relatati mall-kaz . Hemm zewg versjonijiet liema fatt minnu nnifsu ma jfisser xejn hlief li l-prosekuzzjoni ma rmexxiliex tipprova t-tezi taghha bil-grad ta’ certezza li titlob il-ligi kriminali w l-versjoni moghtija mill-appellant u mix-xhieda tal-kumpanija hi ferm izjed kredibbli ;

Fliet l-atti kollha processwali ;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur fil-kors tas-seduti tat-3 t’ April, 2003;

Semghet ukoll id-depozizzjoni ta’ Michael Axisa fil-kors tal-istess seduta ;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali minnu prezentata fit-8 t’ April, 2003 li maghha giet annessa kopja tal-“Wholesale and Retail Trade Wages Council Wage Regulation Order, 1989” applikabbli ghal kaz odjern;

Ikkonsidrat ;

Illi dan l-appell jirrigwarda allegat nuqqas ta’ hlas ta’ overtime ghall-periodu bejn l-ewwel sibt ta’ Novembru, 1999 sas-6 ta’ Novembru, 2000, dovut lill-impjegat Michael Axisa ghal xoghol li hu ghamel nhar ta’ sibt oltre l-erbghin siegha li hu kien jahdem matul il-hamest ijiem l-ohra ta’ xoghol fil-gimgha. Fil-waqt li Axisa jsostni li fil-waqt li fil-bidu tal-impieg tieghu kien jithallas rata fissa anki meta kien jidhol jahdem is-sibtijiet , kien gie periodu li fih ma dahalx aktar nhar ta’ Sibt. Umbaghad ghall-habta

ta’ Novembru, 1999 , kien rega’ gie mitlub mill-management biex jibda jidhol is-Sibt minkejja l-fatt li matul il-gimgha kien gja jkun hadem 40 siegha . Hu hekk ghamel izda skopra li ma kienx ser jithallas tas-sibtijiet. . Hu kien accetta dis-sitwazzjoni biex jibza’ ghall-impieg tieghu w kien biss wara li spicca mix-xoghol biz-zmien li ha passi tramite d-Dipartiment tax-Xoghol biex jithallas tal-“overtime” li kien jirritjeni li kien dovut lilu . L-imputat appellant invece jsostni li mhux veru li l-impjegat hadem is-sibtijiet kollha fil-periodu in kwistjoni w li meta ghamel dan kien ghamlu taht il-kondizzjonijiet tax-xoghol originali li tahthom ma kellux jithallas nhar ta’sibt .

L-appell odjern jiccentra fuq l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti dwar liema wahda mill-versjonijiet kellha taccetta. Issa, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t’ apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawla setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta’ ligi w ta’ ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx wahda “safe and satisfactory” fid-dawl tar-rizultanzi.

Illi ma jidhrix li hu kontestat li mit-tnejn sal-gimgha l-impjegat kien qed jahdem l-erbghin siegha li huma indikati bhala s-sieghat ta’ xoghol ta’ mpjegati fil-kategorija t’ impieg li kien jaqa’ tahtu l-impjegat skond l-artikolu 2 tal-Wages Council Order fuq imsemmi, ghalkemm dan l-artikolu jghid ukoll li l-erbghin siegha jridu jkunu mifruxin fuq hamest ijiem u nofs u mhux hamest ijiem. Illi lanqas ma hu kontestat illi ghal hinijiet zejda ‘l fuq minn erbghin siegha fil-gimgha l-impjegat ma kienx qed jircevi hlas ta’ “overtime” tul il-periodu kollu msemmi fic-citazzjoni .

Illi d-difiza tikkontendi li kien hemm xi sibtijiet li fihom l-impjegat ma hadimx tul il-periodu in kwistjoni w esebiet fotokopji tal-“punch cards” biex tissostanzja dan . Invece l-impjegat Axisa jghid li hu ma kienx hadem biss fil-Milied tal-1999 u fl-Ewwel tas-sena 2000, ghax f’dawk il-jumejn ,

l-istabiliment ma kienx fetah . Mill-bqija dejjem hadem u meta ma ippuncjax dan kien ghax il-punching machine kienet difettuza;

Illi hu risaput li kien x'kien il-ftehim originali bejn id-ditta w l-impjegat, il-kondizzjonijiet minimi stipulati fil-"wages council orders" huma t'ordini pubbliku w l-impjegat ma jistax jirrinunzja ghalihom anki bi qbil mall-"employer" tieghu w dan ghal ragunijiet ovvji biex ma tkunx tista ssir pressjoni mill-"employer" fuq l-impjegat biex dan ikollu jaccetta kondizzjonijiet inferjuri ghal dawk minimi preskritti bil-ligi . Dan johrog car mill-artikolu 38 tal-Kap.135 ;

Ghalhekk meta l-impjegat rega' gie mitlub li jerga' jibda' jidhol jahdem is-sibtijiet wara periodu konsiderevoli li fih ma kienx jidhol ghax-xoghol is-Sibt, hu kien kopert bil-protezzjoni li taghtih il-ligi fir-rigward ta' hlas ghall-"overtime" ghall-xoghol ta' aktar minn erbghin siegha fil-gimgha . U ghalkemm skond il-Wages Council Order il-gimgha ta' xoghol kienet tikkomprendi wkoll xoghol nhar ta' sibt , ladarba l-hinijiet ta' xoghol kellhom jinfirxu fuq hamest ijiem u nofs, jekk b'kollox il-hin tax-xoghol kien jeccedi l-erbghin siegha fil-gimgha, kien ikun dovut l-"overtime" bil-hin u nofs "time and a half" fuq is-sieghat extra minnu mahduma w dana skond l-artikolu 6 (a) tal-istess Wages Council Order .

Illi dan l-overtime irid jinhadem ghab-bazi tal-paga bazika miftiehma li f'dan il-kaz – ghall-inqas skond il-karti - kienet ta' LM64 fil-gimgha; Dan ma thallasx u l-impjegat ghall-periodu in kwistjoni baqa' jircevi l-paga bazika li kien jircevi qabel meta ma kienx qed jidhol is-sibt; Meta l-imputat appellant bhala Direttur ta' Mirage Holdings Limited ma hallasx remunerazzjoini ghall-overtime ghax-xoghol in eccess ta' 40 siegha fil-gimgha mahdum mill-impjegat , gie li kiser il-ligi ;

Illi pero' fejn din il-Qorti ma taqbilx mall-Ewwel Qorti hu fil-fatt li din ma jidhirx li tat piz probatorju lid-dokumenti esebiti mid-difiza konsistenti fil-fotokopji tal-punch cards tal-impjegat li minnhom jidher li l-impjegat - tul il-periodu in kwistjoni - mhux ghal zewg sibtijiet biss ma dahalx imma

addirittura ghal sbatax il-darba . Din il-prova dokumentarja tikkorrobora t-tezi tad-difiza li l-impjegat ma kienx kostanti w regolari fid-dhul tieghu ghax-xoghlol nhar ta' sibt u dan imissu wassal lill-Ewwel Qorti biex fis-sentenza appellata tnaqqas l-ammont dovut in via ta' hlas ghal-"overtime" biex dan ikun jikkorispondi ghal dak dovut ghall-tletin sibt . Hekk skond il-kalkolu ta' din l-Qort l-ammont dovut lill-impjegat ma hux ta' LM394 imma biss ta' LM251.48c.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh limitatament billi din il-Qorti qed tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fil-parti fejn ikkundannat lill-appellant ihallas lill-impjegat Michael Axisa s-somma ta' tlitt mija w erbgha w disghin lira Maltin (LM394) u minnflok tikkundannah li jhallsu biss is-somma ta' mitejn u wiehed u hamsin lira Maltin u tminja w erbghin centezmu (LM25l.48c) u billi tikkonfermaha l-kumplament tas-sentenza appellata fl-intier taghha.

--------------------------------TMIEM--------------------------------